# Ġrajjiet li wasslu għall-bini tal-Każin Banda San Filep fl-1955

**Kitba ta' Philip Balzan**



Hekk kif spiċċat il-gwerra, il-ħeġġa għall-festi fl-irħula u l-ibliet tagħna reġgħet kibret. Kienet bis-saħħa tas-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep illi ġo Ħaż-Żebbuġ, il-festa tal-Patrun San Filep reġgħet bdiet tiġi ċċelebrata bi kbir. Kien ukoll f'dan iż-żmien, jiġifieri kmieni fil-ħamsinijiet li nħass il-bżonn mis-soċi u l-bandisti ta' din is-Soċjetà li jinbena każin ġdid. F'dan il-perjodu beda jsir ukoll il-ġbir għall-bradella ġdida, għall-instrumentatura u għall-planċier ġdid tal-Banda San Filep.

Tajjeb infakkru illi s-soċjetà tagħna kienet ilha tgħammar f'din id-dar numru 12, Misraħ San Filep għal aktar minn ħamsa u għoxrin sena, sa mis-sena 1924. Għall-ewwel sittax-il-sena kienet tħallas il-kera fil-bidu lil Loretu Cilia u wara lill-aħwa Felici li min għandhom fit-28 ta' Jannar 1940 xtrat il-post b'kuntratt għand in-nutar Dr. Giorgio Borg Olivier li fuqu dehru għas-soċjetà l-President Dun Loretu Callus u s-segretarju Pawlu Zammit.



Matul l-ewwel ħames snin minn dan ix-xiri s-soċjetà kellha użu limitat tal-post. Peress li dawn kienu snin ta' gwerra, fil-kmamar ta' fuq tal-każin kienu joqogħdu żewġ familji refuġjati, filwaqt li ż-żewġt ikmamar laterali ta' isfel kienu jintużaw mill-awtoritajiet ċivili: waħda mill-uffiċjal inkarigat mit-tħaffir tax-xelterijiet ġo Ħaż-Żebbuġ u fl-oħra kienu jinżammu l-għodod li jużaw il-ħaddiema li kienu jħaffruhom.[1]

Jidher li l-ħsieb li jinbena każin ġdid sab appoġġ tajjeb fost il-membri tant li ċertu Kelinu Micallef ħa l-inizjattiva u ressaq quddiem il-kumitat pjanta tal-perit Michael Borg Costanzi. Minħabba problemi finanzjarji l-kumitat ta' dak iż-żmien għażel li minflok issir gallerija interna ġol-bitħa tal-każin biex jitjieb l-aċċess bejn il-kmamar.[3]



Hekk kif infetħu t-toroq Antonio Sciortino mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr. Ġorġ Borg Olivier fl-10 ta' Mejju 1951, il-ġenb tal-każin li qabel kien ġo sqaq jagħti għal issa beda jgawdi minn ġmiel ta' triq wiesgħa li tagħti għall-misraħ ewlieni tar-raħal.

Ix-xewqa ta' bini ta' każin ġdid reġgħet xelgħet b'qawwa ikbar fost il-membri. Din il-proposta iddaħħlet fl-aġenda tal-laqgħa ġenerali tas-sena 1952, iżda ġara li ġiet posposta minħabba l-kwistjoni serja li nqalgħet dwar nuqqasijiet fir-rendikont finanzjarju annwali. Din wasslet għax-xoljiment ħesrem tal-kumitat u l-ħatra ta' kummissjoni



biex tieħu ħsieb l-elezzjoni ta' kumitat ġdid. Dr. Oliver Gulia ġie wkoll inkarigat ifassal statut ġdid biex jitressaq għall-approvazzjoni tal-membri. F'Marzu 1952 saret elezzjoni għall-kumitat il-ġdid li kienet ferm kontestata. Mill-kumitat ta' qabel wieħed biss kien reġgħa tela'. Il-mandat ta' dan il-kumitat ma kienx twil iżda bil-ħidma tiegħu ddaħħlu regolamenti ġodda li kienu aktar stretti fejn tidħol l-amministrazzjoni finanzjarja tal-għaqda.

Nhar it-3 ta' Mejju 1953 saret l-ewwel elezzjoni għall-kumitat[5] taħt l-istatut il-ġdid. Il-maġġoranza tal-membri eletti f'dan il-kumitat kienu żgħar fl-età u għalhekk kien ġie mlaqqam bħala 'l-kumitat tat-tfal'. Kien kumitat ta' bidla u kellu biċċa xogħol iebsa quddiemu, iżda mill-ewwel midd għonqu għall-ħidma b'ħeġġa liema bħala. F'din is-sena stess il-kumitat qabbad lill-Perit Duminku Mintoff biex jagħmel pjanta għall-bini mill-ġdid tal-każin.

Minn fost dawk il-membri tal-kumitat l-antik li ma telgħux, il-kumitat il-ġdid għażel erbgħa[6] u offrilhom kariga fil-kummissjoni festa. Iżda dawn irrifjutaw din il-posizzjoni, tant kienu ħaduha bi kbira li ma telgħux. Fil-każin tfaċċaw piki interni bejn il-kumitat u dawk il-membri li kienu fil-kumitat fis-snin ta' qabel (jiġifieri bejn is-snin 1945 u1951) li kienu ġew sfiduċjati mill-membri. Jidher li f'dan iż-żmien kien perjodu diffiċli fir-relazzjonijiet interni tal-każin, fejn grupp ta' membri attivi, bdew iwarrbu fil-ġenb billi jibbojkottjaw l-attivitajiet tal-każin inklużi dawk tal-festa u agħar minnhekk bdew jagħmlu l-bsaten fir-roti.[7] Minkejja dan it-tfixkil ix-xogħol baqa' għaddej b'pass imgħaġġel u b'mod ordnat. Meta f'Mejju 1953 il-Prim Ministru tal-ġurnata Dr. Giorgio Borg Olivier kien żar il-każin waqt li kien għaddej ix-xogħol deher li kien sodisfatt bil-progress tal-proġett.



F'dan iż-żmien ittieħdet deċiżjoni mportanti li titneħħa l-gallerija tal-injam li kien hemm fil-faċċata li tħares fuq il-pjazza u minflokha ssir oħra li tkun tul il-faċċata kollha u tibqa' ddur mal-faċċata l-ġdida li tħares fuq Triq Antonio Sciortino. Ġie deċiż ukoll kif kellhom jintużaw il-kmamar tal-każin. Fis-sular ta' isfel il-kmamar laterali kellhom jintużaw għar-rikrejazzjoni tas-soċi, is-sala l-kbira sservi bħala bottegin u għal-logħba tal-biljard, fil-kamra ta' wara jintrefa l-planċier magħruf bħala l-iskorfina u taħt it-taraġ jinħażnu affarijiet oħra. Fis-sular ta' fuq kellu jkun hemm kamra tal-kumitat, arkivju għall-mużika u sala li sservi għall-kirjiet ta' tiġijiet, tejatrini jew bħala ċinema.

Biex dan il-proġett seta' jseħħ fi żmien qasir, diversi membri kienu silfu lill-każin flus mingħajr imgħax.[8] Il-każin ġdid kellu jiġi nawgurat għall-festa ta' San Filep tal-1955 li allura kellha tkun waħda speċjali u ikbar mis-soltu.

Bħal sajjetta fil-bnazzi, nhar Ħamis ix-Xirka 7 ta' April 1955 splodiet il-kamra tan-nar tal-Każin Banda San Filep, is-*St. Philip's Fireworks Factory*, li kienet tinsab fil-Kandlora, Ħaż-Żebbuġ. F'din it-traġedja mietu erba' membri tal-każin, dilettanti tan-nar. Dawn kienu Ġamri Farrugia (il-Bibillu), Ninu Debono (il-paradajs), Philip Cassar (Simillu) u Pinu Xuereb ( il-Lilel). Minħabba f'hekk sehem il-festi esterni ta' San Filep għal dik is-sena tħassru[9] u l-ftuħ tal-bini l-ġdid tal-każin tħalla għal Novembru.



Id-disgwid intern li diġà semmejna kien għadu jbaqbaq minn taħt u issa reġa' tela' fil-wiċċ. Erba' membri li kienu



parti mill-grupp li ma telgħux fil-kumitat il-ġdid ħadu xi nar tal-art li ma kienx sploda u rmewh fil-baħar fl-inħawi ta' Għar Lapsi. Dan ġara nhar is-Sibt l-1 ta' Ottubru 1955, sitt xhur wara t-traġedja u ftit ġimgħat qabel il-ftuħ tal-każin. Għamlu dan mingħajr ma biss infurmaw lill-kumitat minkejja li kien il-każin li kien ġabar il-flus biex inħadem dak in-nar.[10] B'konsegwenza ta' din l-azzjoni saret laqgħa ġenerali straordinarja nhar il-Ħadd 16 ta' Ottubru 1955 fejn ġie deċiż li jitkeċċew dawn l-erba' membri[11]. L-għajta kienet li n-nar intrema l-baħar sabiex il-kumitat ma jkunx jista' jużah fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-każin ġdid f'Novembru. L-azzjoni arbitrarja ta' min rema' dan in-nar kompliet żiedet l-inkwiet intern u kabbret il-qasma fost il-membri tal-każin.

Is-soċjetà għaddiet minn ħafna taħbit sakemm ġabet il-permessi meħtieġa u bniet mill-ġdid il-kamra tan-nar St. Philip's Fireworks Factory. Matul dan il-proċess sar kuntratt bejn il-każin u l-parroċċa li bih il-każin ħa r-responsabbiltà sħiħa tal-kamra tan-nar. Inħatar sotto-kumitat tal-festa biex jieħu ħsieb dak kollu li kien meħtieġ.[12] Dan mill-ewwel beda jiġbor il-fondi għall-bini u qabbad lill-perit Naudi.



*Matul is-sajf tal-1955 bdiet tinkera s-sala ta' fuq għat-tiġijiet.[13] Għalkemm saru xi riċevimenti tat-tiġijiet, jidher li d-diskussjoni dwar l-aħjar użu ta din is-sala baqa' sejjer. L-idea tat-tejatrini twarrbet filwaqt li din taċ-ċinema imxiet il-quddiem. Inzerta li dan iż-żmien it-tejatru Colosseum tal-Belt Valletta kien qed jiġi rinovat. Kienu se jinbidlu l-magni, l-iskrin, il-pultruni u xi aċċessorji oħra. Il-kumitat tal-każin ħataf din l-opportunità u nnegozja u akkwista dan l-apparat u l-għamara meħtieġa biex seta' jibda jħaddem ċinema ġdid f'Ħaż-Żebbuġ. Dan iċ-ċinema ingħata l-isem "Mayfair Theatre" [14] u beda jiffunzjona fid-29 ta' Settembru 1956 bil-wiri tal-film "Kiss me Kate". Sentejn wara imbidlet is-sistema[15] għal waħda ta' "Cinemascope Vista Vision".*

Il-ftuħ uffiċjali tal-każin ġdid sar nhar il-Ħadd 13 ta' Novembru 1955. Fit-tlett ijiem ta' qabel ġew organizzati konferenzi spiritwali fil-każin. Il-Banda San Filep għamlet programm fi Triq Antonio



Sciortino, taħt it-tmexxija ta' Mro. Adeodato Gatt. Il-President, Dr. Oliver J. Gulia għamel diskors imqanqal li fih ta rendikont tal-proġett. Il-ftuħ uffiċjali sar mill-Onorevoli Prim Ministru Duminku Mintoff filwaqt li l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi bierek il-post. Imbagħad ġiet imġeddha l-konsagrazzjoni tal-Każin San Filep lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.[16]

Il-proġett ta' rikostruzzjoni tal-każin ingħalaq seba' snin

wara, nhar il-25 ta' Novembru 1962 meta waqt festin żgħir ta' ringrazzjament, il-kaxxier is-sur Philip Sciberras ħallas lura d-dejn li kien baqa' mill-flus li kienu ġew mislufa lill-każin. Kienet saret mixgħela, sparar ta' murtali u fuq il-bejt ittellgħet bandiera ġdida bajda bl-ittra V kbira b'turija tat- tmiem b'suċċess ta' dan il-proġett.



**Riferenzi:**

1 Tagħrif mogħti mill-uffiċjal inkarigat Lawrence Martinelli lil Philip Balzan

2 Tagħrif mogħti minn Gaetan Caruana lil Rosario Magri. Gaetano niżel kemm il-darba jistkenn f'dan ix-xelter matul il-gwerra. Dan ix-xelter reġa' beda jintuża fl-2005 biex fih ittellgħat parti ġdida mill-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira li turi d-difna ta' Kristu. Ta' min jgħid ukoll li dan ix-xelter ġibed l-attenzjoni tas-Sur Eddie Aquilina direttur ta' Miranda Publishers u tal-fotografu Taljan Enrico Formica li ħadlu ritratti għall-ktieb: 'Underground Malta, Volume 2' li għadu kemm ġie ppublikat.

3 Arkivju KBSF Minuti tal-4 ta' Frar 1950

4 Il-kumitat tal-1952 kien magħmul hekk: President: Dr. Oliver Gulia, Viċi-president: Abele Psaila, Segretarju: Carmel Mifsud, Assistent Segretarju: Amante Attard, Kaxxier: Raffaele Felici, Assistent Kaxxier: Joseph Pisani, Membri: Felic Agius, Carmel Baldacchino, Carmel Cascun, David Farrugia, Carmel Gatt, Michele Grech, Joseph Micallef, John Zammit,.

5 Il-kumitat tal-1953 kien magħmul hekk: President: Dr. Oliver Gulia, Viċi-president: John Zammit, Segretarju: Carmel Mifsud, Assistent Segretarju: Carmel Cascun, Kaxxier: Raffaele Felici, Assistent Kaxxier: Joseph Pisani, Membri: Carmel Baldacchino, Salvatore Borg, Philip Briffa, Joseph Camilleri, David Farrugia, Joseph Piscopo, Gawdenz Tanti.



6 Filippu u Michele Grech, Carmelo Gatt u Joseph Farrugia.

7 Bħal meta dawn it-talin bdew isostnu li l-bini l-ġdid kellu jitwaqqa' għax kien ħareġ xi pulzieri 'l barra fi Triq Sciortino; u bħal meta ppruvaw iġibu banda minn barra mir-raħal biex iddoqq fil-festa b'kompetizzjoni diretta lill-kumitat tal-każin.

8 Fost dawn insibu lil: Rafel Feliċi, Adeodato Gatt, Philip Chircop, Amabile Cachia, John Bondin, Rokku Fenech, Philip Cilia, Saver Sciortino, Andrew Cilia, Gawdenz Tanti, Abele Xuereb, Nazzareno Feliċi u Abele Psaila.

9 Li kien jinkludi tmin servizzi tal-banda minbarra x-xogħol tan-nar u t-tiżjin tat-toroq.

10 Wara qalu li kienu għamlu dan għax il-pulizija ordnaw li jitneħħa l-periklu. Tidher stramba ħafna li dan il-periklu tħalla għal sitt xhur qabel ma tneħħa! Riċentement intqal ukoll li kien intrema biss parti żgħira min-nar li kien baqgħa u dan sar għal għajn il-pulizija. Jekk ġara hekk, qatt ma taw sodisfazzjon lill-kumitat x'għamlu bin-nar li ma rmewx.

11 Dawn kienu Laurence Żammit, Joseph Gauċi, Stiefnu Camilleri u Philip Cortis.

12 Dan kellu bħala membri lil Dr. Oliver Gulia u lis-sinjuri Joseph Piscopo (direttur), David Farrugia (kaxxier) u Gawdenz Tanti (membru) li kienu parti mill-kumitat eżekutiv. Aktar tard żdiedu magħhom is-sinjuri Salvu Borġ, Salvu Chetcuti, Joseph Psaila u Gaetano Mallia.

13 (Fis-16 ta' Awissu 1955 fin-notice board tal-każin twaħħal l-ewwel avviż li kien jinforma lill-membri li s-sala prinċipali kienet sejra tibda tiġi mikrija mill-4 ta' Settembru 1955.)

14 Deċiżjoni meħuda fit-12 ta' Ġunju 1956.

15 Deċiżjoni meħuda fil-Laqgħa Ġenerali tas-6 ta' Lulju 1958.

16 Attendew ukoll għal din l-okkażjoni, l-Ministru Ġuże Ellul Mercer, kif ukoll il-Wisq Reverendu Arċipriet Dun Lawrenz Żammit u l-Kleru ta' Ħaż-Żebbuġ, in-Nutara Ġuże Abela, Nikola Said, l-Avukat Joseph Pace, il-Professur Philip Farrugia, Monsinjur Salvatore Milanesi (eks-arċipriet tar-raħal), Dun Loretu Callus (eks-president tal-każin), dawk li silfu flus għar-rikostruzzjoni tal-każin, bandisti u membri.